# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Marzu 2001**

**Numru 22**

**Citaz. numru 367/91 DS**

Francis Zammit u John Sammut ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Tal-Blat Company Limited
vs
Francis Chircop

Illum, 16 ta' Marzu 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-5 ta' April 1991 li permezz taghha l-atturi nomine wara li ppremettew:

Illi s-socjeta' attrici f'diversi okkazjonijiet kienet giet inkarigata mill-konvenuti taghmel xogholijiet konsistenti fi tqattiegh ta' blat, twaqqiegh ta' kostruzzjoni, irdim u thammil ta' materjal;

U peress illi tali xogholijiet gew rezi u adempiti mill-istess socjeta' attrici ghal liema servizzi huwa dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici is-somma komplessiva ta' erbat elef disa' mija u ghoxrin liri Maltin (Lm4920);

talbu lil din il-Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4920 kif fuq imsemmi.

Bl-ispejjez komprizi dawk tat-tliet ittri interpellatorju tal-21 ta' Mejju 1990, tat-13 ta' Awissu 1990 u t-2 ta' Ottubru 1990 u tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Gunju 1990 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ikkompletizzar tax-xoghol sal-effettiva data tal-pagament kontra l-konvenut li minn issa qed jigi ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. L-intempestivita' tal-azzjoni, billi l-ewwel li kellu jsir hu li jitnaqqas l-ammont dovut mill-atturi nomine lill-konvenut, minn dak li fil-fatt hu dovut mill-istess atturi.

2. Sekondarjament u bla pregudizzju ghall-premess, l-ammont riklamat mill-atturi nomine ghat-tqattiegh ta' blat fl-Isptar Boffa hu eccessiv.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tas-27 ta' Mejju 1991 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. Joseph Huntingford bhala perit tekniku biex ifittex u jirrelara dwar it-talba jew it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jagyhmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tas-17 ta' Ottubru 1995 li permezz tieghu ghall-imsemmi perit tekniku gie sostitwit l-Professur Jo Tonna;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fil-11 ta' Lulju 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Permezz ta' din ic-citazzjoni s-socjeta` attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' Lm4920 ghal xoghol li hija wettqet fuq inkarigu tieghu. Mid-dikjarazzjoni guramentata, li giet wkoll ikkonfermata waqt ix-xiehda li nghatat minn Francis Zammit u John Sammut, jidher li x-xoghol sar fuq tliet lantijiet:

- uzu ta’ Hymac ghal gurnata fuq sit il-Hamrun, li ghalih qed tigi mitluba s-somma ta’ Lm55
- twaqqiegh u rdim ta’ post f’San Gwann, li ghalih is-socjeta` attrici qed tippretendi Lm350
- tqattiegh ta’ blat fl-Isptar Boffa, il-Furjana, li dwaru qed titlob Lm4275
- tnehhija ta’ materjal mill-istess Sptar Boffa, il-Furjana, li l-istess socjeta` attrici qed titlob Lm240.

Min-nota ta’ l-eccezzjonijiet jidher li l-konvenut qieghed jikkontesta biss is-somma reklamata mis-socjeta` attrici ghat-tqattiegh ta’ blat fl-Isptar Boffa u dan hu kkonfermat mid-dikjarazzjoni guramentata tieghu. Pero` mbaghad fil-kors tas-smiegh tax-xiehda, il-konvenut qal li kien hallas Lm1,000 lil subkuntrattur iehor li kien tqabbad mis-socjeta` attrici biex jaghmel ix-xoghol ta’ tnehhija ta’ materjal u qtugh ta’ blat. U Francis Zammit stess xehed li t-terrapien jew *loose material* kien tnehha kollu minn dan is-subkuntrattur. Ghalhekk gustament il-perit tekniku kkonkluda li t-talba tas-socjeta` attrici ghal Lm240 ghat-tnehhija ta’ materjal ma kellhiex tigi kkunsidrata. Naturalment, fin-nuqqas ta’ kontestazzjoni da parte tal-konvenut tas-somma ta’ Lm55 ghall-uzu ta’ Hymac u tas-somma ta’ Lm350 ghat-twaqqiegh u rdim ta’ post, dawn it-talbiet ghandhom jigu milqugha. Tonqos li tigi kkunsidrata s-somma pretiza ta’ Lm4275 ghat-tqattiegh ta’ blat.

Fis-seduta peritali tal-15 ta’ Gunju 1995 Dennis Schembri, quantity surveyor fid-Dipartiment tax-Xoghlijiet, xehed u pprezenta numru ta’ dokumenti biex jikkonferma li huwa kien kejjel u ccertifika, u t-Tezor eventwalment hallas lill-konvenut, is-somma ta’ Lm7850 ghall-qtugh ta’

3140 metri kubi blat fl-Isptar Boffa u dan bir-rata ta' Lm2.50 ghal kull metru kubu kif kien miftiehem fil-kuntratt rilevanti. Is-socjeta` attrici qed titlob is-somma ta' Lm4275 ghall-qtugh ta' 2850 metri kubi ta' blat. Din is-somma tikkorrispondi ghar-rata ta' Lm1.50 kull metru kubu, rata li l-perit tekniku stqarr li tirrispekkja l-prezzijiet tas-suq vigenti meta sar ix-xoghol.

Fis-seduti tat-28 ta' Gunju 1991 u dik tas-27 ta' Marzu 1992 ir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici xehdu li s-somma mitluba minnhom meta nfethet il-kawza kienet zbaljata u kellha tizdied biex tkopri l-qtugh ta' 3140 metri kubi ta' blat minflok l-2850 metri kubi li kienu talbu. Korrettement il-perit tekniku osserva li l-atturi pproponew din ir-revizjoni biex iqabblu t-talba taghhom li kienet bazata fuq kejl u kalkoli taghhom mal-figuri certifikati mit-teknici tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet. Huwa mbaghad kkummenta li ma jidhirlux li l-ammont ta' blat realment maqtugh mis-socjeta` attrici ghandu bil-fors jikkorrispondi ma' dak certifikat mill-ufficjali governattivi ghaliex fil-kejl ta' xoghol ta' din in-natura huwa facli li jinholqu divergenzi bejn il-kalkoli ta' teknici li jkejluh indipendentement minn xulxin, mhux l-anqas minhabba differenzi fil-metodi tal-kejl. Barra minn hekk Francis Zammit stess xehed li mhux il-blat kollu tqatta' mis-socjeta` attrici. Ghalhekk ikkonkluda li mhijiex ammissibbli l-pretensjoni tas-socjeta` attrici li tizdied it-talba taghhom minn Lm4275 ghal Lm4710. Il-Qorti taqbel ma' din il-konkluzjoni anke peress li fic-citazzjoni s-somma minnha mitluba giet specifikata u tibdil f'tali somma biex tizdied ikun ifisser tibdil fis-sustanza ta' l-azzjoni. Mill-banda l-ohra l-perit tekniku kkonkluda li s-somma pretiza ta' Lm4275 kienet gustifikata. Jinghad li d-difensur tas-socjeta` attrici rrimetta ruhu ghar-rapport u inoltre din il-konkluzjoni tal-perit tekniku

ma giet bl-ebda mod kontradetta. Konsegwentement timmerita li tigi milqugha.

Il-konvenut pero` qieghed joggezzjona li mill-pretensjonijiet attrici ghandha titnaqqas is-somma ta' Lm1250 bhala prezz ta' diversi xoghlijiet li jghid li ghamel ghas-socjeta` attrici. Fix-xiehda tieghu l-konvenut qal li dan kien jikkonsisti f'bini ta' *boundary walls* f'Ta'Giorni u hitan madwar toqob li thaffru mis-socjeta` attrici f'San Pawl il-Bahar. Francis Zammit u John Sammut jikkonfermaw li l-konvenut ghamlilhom dan ix-xoghol li tieghu ghadu ma thallasx, izda jghidu li qatt ma baghtilhom kont dwaru. Barra minn hekk Francis Zammit xehed li mad-daqqa t'ghajn is-somma pretiza mill-konvenut tidher daqsxejn esagerata filwaqt li John Sammut xehed li ma seta' jghid xejn dwar tali ammont qabel ma jara d-dettalji.

Il-Qorti tosserva li, nonostante li l-konvenut jidhirlu li din is-somma ta' Lm1250 ghandha titnaqqas mis-somma pretiza mis-socjeta` attrici, huwa ma ghamel l-ebda kontro-talba fir-rigward. Mhux hekk biss imma ghalkemm ir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici ammettew li hi dovuta lill-konvenut xi somma ghax-xoghlijiet li huwa ghamel, lanqas ma ndenja ruhu f'dawn il-proceduri li almenu jaghti rendikont ta' kif wasal ghall-figura ta' Lm1250 sabiex is-socjeta` attrici tkun tista' taghmel il-verifiki taghha. Ghalhekk ma tistax tintlaqa' t-talba tal-konvenut biex f'dawn il-proceduri tigi kkunsidrata l-pretensjoni tieghu.

Fid-dawl ta' dan kollu t-talba attrici qed tigi milqugha limitatament ghas-somma ta' Lm4680, kwantu ghal Lm55 ghall-uzu ta' Hymac, kwantu ghal Lm350 ghat-twaqqiegh u rdim ta' post f'San Gwann u kwantu ghal Lm4275 ghat-tqattiegh ta' blat fl-Isptar Boffa.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa’ t-talba attrici kif intqal billi tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ Lm4680 bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur